Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1652

Kaz Numru 2226 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Sabina Zahra

U

A & A Fenech Company Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg Allegata li hija ngusta

Illum 28 ta' Novembru 2005

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara referta ta' kwistjoni tax-Xoghol dwar tkeccija ingusta mill-impjieg ta' Sabina Zahra mibghuta lit-Tribunal Industrijali fil-19 ta' Ottubru 2004 mill-Avukat Dr. Rachel Montebello li bghatat id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' Sabina Zahra fejn talabet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Sabina Zahra maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Rachel Montebello u ghall-Kumpanija A & A Fenech Company Limited deher Joseph Attard assistita minn Dr. Vanessa Borg.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-kumpanija A & A Fenech Company Limited bhala full time salesgirl/assistant fil-hanut bl-isem "Phoencian Glass Blowers" gewwa Ta' Qali Crafta Village u dan minn Jannar 2004 pero qabel din

id-data l-istess Sabina Zahra kienet gja tahdem fl-istess hanut ma principal differenti u dan ghal sentejn. L-Impjieg taghha gie terminat fis-17 ta' Settembru 2004 minghajr ebda spjegazzjoni ulterjuri moghtija mis-socjeta appellata.

Ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Sabina Zahra saret minhabba l-fatt li fil-qadi ta' dmirijietha l-appellanti wettqet diversi irregolaritajiet serji ghad-dannu tas-socjeta intimata u l-impjegati taghha u minkejja d-diversi warnings xorta ma biddlitx l-attitudini taghha u ghalhekk kellhom jkeccuha u ghalhekk t-tkeccija hija gustifikata.

## PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Anthony Fenech fejn iddikjara illi ghalkemm kienet taghmel xoghola kienet ribelluza. Semma xi incident fuq leave u incidenti ohra meta dahlu impjegati ohrajn fosthom Colin, Rita, Marthese u Romina li kellhom problemi maghha hlief ghal Colin li wara l-ewwel incidenti saru hbieb. Iddikjara ukoll li kien jafdha u li kien sodisfatt b'xogholha.

Xehedet Romina Grech Fenech li hija l-Managing Director ta' l-Isterling Jewellers li qalet li hi kienet il-persuna li kellha l-kuntatt dirett mal-appellanta. Iddikjarat illi Sabina Zahra kienet persuna li ma thalli lill-hadd jikkmandha u taghmel li jidrilha biss tant li ma kinetx toqghod ghar-regoli kif ukoll kella problemi ma haddiema ohrajn. Spjegat kif haddiema Rita Ciappara kienet thossha intimidata minn Sabina Zahra kif ukoll Marthese kella titlaq minhabba Sabina Zahra u kif spiccat Sabina Zahra dahlet lura ghax-xoghol. Tant kien hekk il-kas li inhareg warning bil-miktub liema warning bil-miktub accettatu. Spjegat illi meta dahal manager gdid kellhom jaghtuha struzzjonijiet sabiex tobdieh. Meta ghamlet spot checks sabet il-hanut vojt u bil-kelba barra meta hemm struzzjonijiet specifici illi l-hanut ma jistax jithalla vojt u wahdu u dawn l-incidenti kienu diversi drabi. Ddikjarat ukoll illi tatha diversi verbal warnings. Semmiet incident fejn ghamelt test billi thalla ghaxar Liri Maltin (LM10) bhala extra sabiex tara jekk tigi

registrata. Meta ghamlet hekk u maret ticcekkja l-ghada ma sabet xejn u meta saqsiet giet infurmata illi l-computer ma kienx jahdem u bhala fatt il-manager Fabio Zucchero irrizenja mix-xoghol. Ix-xhud qalet ukoll illi kienet intimidata minn missierha. In konkluzzjoni Romina Grech Fenech ikkonkludiet illi Sabina Zahra ma kinetx tikkopera u kienet taghtiha problemi

Xehed Alfred Fenech fejn qal li gie avvicinat minn Tonio Fenech biex jaghmelu partnership u hekk sar. Ra diversi nuqqassijiet fil-konfront ta' Sabina Zahra fosthom titjip fuq ix-xoghol, kienet tiehu l-break mal-blowers kull ghoxrin minuta, Kellu diversi rapport minn diversi nies fuq Sabina Zahra, kif ukoll kienu isibu hafna diskrepanzi fl-accounts

Xehed Joseph Attard li huwa engineer u General Manager mal-kumpanija A & A Company Limited li xogholu fil-bidu kien li jitghallem u janalizza is-sistema u ghamel sistema ohra u ghallem in-nies. Sema diversi nuqqassijit fuq Sabina Zahra fosthom it-tipjiep u l-break twal li kienet tiehu kif ukoll il-problemi mal-istaff ohrajn. Bhala fatt ukoll wara li telqet Sabina Zahta, sabu hafna tahwid fl-istocks u hafna nuqqassijiet pero f'ta' l-ahhar ma jistax iwahhal f'hadd.

Xehed Fabio Zucchero fejn qal li l-ewwel kien impjegat ma l-Sterling Jewellers u wara accetta sabiex jahdem ma Phoenican Glass fuq stock control. Wara li beda jahden mal-Phoenician Glass ftit wara sar il-Manager. Qal ukoll illi fil-bidu kellu problemi ma Sabina Zahra pero wara ftit zmien is-sitwazzjoni ssetjat u kien hemm kliem ta' tifhir fuq Sabina Zahra. Spjega kif kien hemm ghaxar Liri Maltin (LM10) zejda meta kien hemm surprise check. Ammetta ukoll illi l-hanut gieli thalla wahdu. Ta' spjegazzjoni ghalfejn irrizenja ezatt wara is-sejba tal-ghaxar Liri Maltin (LM10.00).

Xehedet Sabina Zahra fejn spegat illi fil-bidu tal-impjieg taghha kienet impjegata fis-sena 2002 mal-Phoencian Glass bhala part-time u qalbet full time ma l-A & A Fenech f'Jannar 2004. Xogholha kien li tiehu hsieb il-hanut, kienet timla l-hgieg fil-hanut, tnaddaf u tippostja. Wara xi zmien dahal Fabio Zucchero bhala Manager. Is-sidien godda dahlu regoli godda bhal break wiehed, ma kienx hemm titjiep, il-punch card li qalet li kollha kient tosservhom. Darba dahlet tard fuq ix-xoghol

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz verbalment.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg versjonijiet tal-partijiet li huma distinti minn xulxien tant li kwazi kwazi ha jhalli ebda dubbju f'monn minn ser jiggudika jekk jiggudika fuq verzjoni wahda.

Xoghol il-gudikat huwa li jwiezen il-fatti, jara x-xhieda kif xehdu fuq il-pedana tax-xhieda u jipprova jasal ghall-konkluzzjoni mien qieghed jqarreb il-verita jew minn qieghed jghid il-verita.

F'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen aktar i-versjoni tal-principal milli ta' Sabina Zahra. Mill-provi prodotti jidher bic-car illi din il-kumpanina tbiddlet idejn jew ahjar dahal shareholder gdid li ha t-tmexxija tal-kumpnaija f'idejh.

Jidher car ukoll illi l-management fl-antik kien ftit laxk u qisu kollox kien accettat. Jidher ukoll illi l-management l-gdid kien aktar serju u ried idahhal stil ta' management gdid u aktar dixxiplina.

Kull meta jsir hekk dan jikkawza turbolenza u l-haddiema ikollhom bzonn zmien sabiex jaddattaw. It-Tribunal qieghed jaghmila cara illi f'kazijiet bhal dawn huwa l-impjegat li jrid jaddatta u mhux il-principal. It-Tribunal hawn jinnota illi Sabina Zahra ghalkemm hadet xi zmien sabiex taddatta kellha attitudini negattiv fil-konfront tal-management gdid. Kellha problemi ukoll ma kollegi taghha fuq lant tax-xoghol ghalkemm it-Trubinal jinnota illi xi individwi kellhom problemi taghhom personali.

It-Tribinal ihoss illi Sabina Zahra ma addattatx ruhha ghall-management l-gdid u sabita difficili sabiex tintegra. Dana wahdu mhu xejn hazin pero meta din l-attitudini tkun qieghda iggorr maghha in-nuqqas ta' fiducja tal-management is-sitwazzjoni bdet tiddetorja tant li l-principal l-gdid tilef kull fiducja fiha.

It-Tribunal qiegħed jikkonsidera ukoll illi minkejja jidher lli Sabina Zahra kienet qiegħda tagħmel ix-xogħol rikjest minnha dan mhux bizzejjed. Għandu ikun hemm il-fiduċja, rispett u dixxiplina.

**Deċizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati ra u eżamina d-dokumenti eżebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija A & A Fenech Company Limited kien gustifikat li jkeċċi lill-Sabina Zahra mix-xogħol tagħha.

Għaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeċiedi billi jiċħad dan l-appell u jordna li lis-spejjes għandhom jiġi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Għall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbgħin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Avv Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju